**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att t'Akkuza nru: 38/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Alphonsus Romeo Emanuels**

**<u>Illum, 15 ta' April 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Alphonsus Romeo Emanuels**, ta' hamsa u sittin (65) sena, iben Emanuel u Guliette xebba Felees, imwieled ġewwa l-Olanda, nhar it-Tnax ta' Marzu 1958, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-Karta tal-Identita' Olandiza bin-numru '13353073', l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

***<u>L-Ewwel (1)Kap</u>***

<u>Assocjazzjoni ghat-traffikar tad-droga Kokaina</u>

Illi fil-ġranet preċedenti għas-sitt (6) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), Alphonsus Romeo Emanuels (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att t'Akkuża msejjaħ "l-akkużat") xjentement iddeċieda li jassoċja ruħu ma' persuni oħra bil-għan illi tiġi importata d-droga Kokajina hawn Malta għall-fini ta' traffikar.

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, waqt li l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien qed Rotterdam, fl-Olanda, huwa ġie avviċinat minn persuna li offrietlu l-flus sabiex

idaħħal hawn Malta d-droga Kokajina. Eventwalment, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels aċċetta l-proposta u, b'hekk, sar parti minn ftehim dwar kif din id-droga kellha tiġi importata u sussegwentement ittraffikata hawn Malta.
Illi skont dan il-ftehim, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu jdaħħal hawn Malta d-droga Kokajina fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g), liema droga kellha tkun imqassma fi tmintax (18)-il kapsula. Ta' dan kollu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien ser jitħallas is-somma t'elf ewro (€1,000).

Illi skont dan l-istess pjan, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu jiltaqa' ma' din il-persuna ġewwa Amsterdam, fl-Olanda, sabiex jgħaddilu l-imsemmija kapsuli mimlija bid-droga Kokajina u jdaħħalhom fil-kavità anali tiegħu. Sussegwentement, bħala parti mill-pjan, din il-persuna kellha twassal lill-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels minn Amsterdam, fl-Olanda, sal-ajruport ġewwa Brussels, fil-Belġju, sabiex minn hemmhekk l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels jaqbad titjira diretta għal hawn Malta filwaqt li jkollu l-kapsuli fl-intern tiegħu.

Illi mal-wasla tiegħu hawn Malta, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu iċempel lil din il-persuna li għaddietlu d-droga Kokajina sabiex din il-persuna tibgħatlu lil xi ħadd bil-karozza l-ajruport internazzjonali ta' Malta. Minn hemmhekk, imbagħad, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu jittieħed f'post sabiex joħroġ dawn it-tmintax (18)-il kapsula kontenenti d-droga Kokajina mill-warrani tiegħu. Il-ftehim kien jipprovdi wkoll illi, sussegwentement, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu jagħmel kuntatt ma' xi persuna li kellha tagħmillu sinjal sabiex huwa jgħaddilha l-imsemmija kapsuli u, in ritorn, din il-persuna tgħaddilu l-elf ewro (€1,000) fi flus kontanti.

Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels wasal hawn Malta minn Brussell permezz tat-titjira tal-

linja tal-ajru 'Air Malta', bin-numru 'KM421', bl-imsemmija kapsuli mimlija droga Kokajina fl-intern tiegħu.

Illi, però, dak li ma kienx jaf l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien illi ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta kien hemm jistennewh xi uffiċjali tal-Pulizija mill-iSkwadra ta' Kontra d-Droga u dana minħabba informazzjoni kunfidenzjali li kienu rċevew li huwa kien ser idaħħal id-droga hawn Malta.

Illi hekk kif wasal hawn Malta, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ġie arrestat minħabba suspett li kien qed iġorr id-droga. Sussegwentement, l-akkużat ittieħed ġewwa l-iSptar 'Mater Dei' fejn hemmhekk sarulu CT scan u X-ray. Minn dawn it-testijiet irriżulta li l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien qed iġġorr fl-intern tiegħu tmintax (18)-il kapsula. Fil-fatt, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels inżamm fl-imsemmi sptar fil-preżenza tal-Pulizija fejn hemmhekk, huwa eventwalment ħareġ dawn il-kapsuli mill-warrani tiegħu. Dawn il-kapsuli kienu jikkontjenu sustanza ta' lewn abjad suspettata droga Kokajina.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert forensiku maħtur mill-Qorti, irriżulta li s-sustanza ta' lewn abjad misjuba f'dawn il-kapsuli li ġew importati mill-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels, ġiet identifikata bħala droga Kokajina, b'piż totali ta' mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g), b'purità medja ta' tlieta u tletin fil-mija (33%), u b'valur fis-suq stimat fl-ammont ta' sbatax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin ewro (€17,643).

Illi, l-għada, u cioè nhar is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr illi din ma kinitx l-ewwel darba li assoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex tiġi importata d-droga Kokajina hawn Malta. In fatti, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr illi din il-biċċa xogħol kien ġa għamilha darbtejn oħra qabel.

Illi, waqt l-istess istqarrija, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr illi l-ewwel darba li kien ftiehem sabiex jimporta d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema ftehim kien sar mal-istess persuna li avviċinatu sabiex jimporta dawn l-imsemmija tmintax (18)-il kapsula. Skont dak il-ftehim li seħħ f'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien aċċetta li jimporta hawn Malta d-droga Kokajina f'ammont simili għal dak li importa nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), u cioè, mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g). Ta' dik il-biċċa xogħol, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien ftiehem li ser jitħallas is-somma t'elf ewro (€1,000) fi flus kontanti.

Illi l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr ukoll illi t-tieni darba li ftiehem sabiex jimporta d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Dik id-darba, però, l-ammont ta' droga Kokajina li l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien ftiehem illi jimporta hawn Malta kien dak ta' erba' mitt gramma (400g) u, ta' dik il-biċċa xogħol, huwa kellu jitħallas is-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600).

Illi fl-istqarrija tiegħu, għalhekk, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ammetta mal-Pulizija li, f'temp ta' erba' xhur, u cioè minn Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sas-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kien hemm tliet (3) okkażjonijiet fejn huwa assoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex tiġi importata hawn Malta d-droga Kokajina għall-fini ta' traffikar, fejn l-ammont totali ta' droga Kokajina kien dak ta' madwar disa' mija u wieħed u ħamsin punt erbgħa u tletin gramma (951.34g).

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi:**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika d-droga Kokajina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ħati, talli nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fix-xhur ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika d-droga Kokajina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Alphonsus Romeo Emanuels u li huwa jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-akkużat hekk misjub ħati, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(7)(9), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 4, u 9, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533, tal-Kapitolu

9 tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

***It-Tieni (2) Kap***

Importazzjoni tad-droga Kokaina

Il-fatti:

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi hekk kif narrati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels wasal hawn Malta minn Brussell permezz tat-titjira tal-linja tal-ajru 'Air Malta' bin-numru 'KM421'. Hekk kif wasal hawn Malta, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ġie arrestat ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta u dana minħabba li l-Pulizija kellhom suspett li kien qed iġorr id-droga.

Illi l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ittieħed l-iSptar 'Mater Dei' fejn hemmhekk sarulu CT scan u X-ray. Minn dawn it-testijiet irriżulta li l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kien qed iġġorr fl-intern tiegħu tmintax (18)-il kapsula. Fil-fatt, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels inżamm fl-imsemmi sptar fil-preżenza tal-Pulizija fejn hemmhekk, huwa eventwalment ħareġ dawn il-kapsuli mill-warrani tiegħu. Dawn il-kapsuli kienu jikkontjenu sustanza ta' lewn abjad suspettata droga Kokajina.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li s-sustanza ta' lewn abjad misjuba f'dawn il-kapsuli li ġew importati mill-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels, ġiet identifikata bħala droga Kokajina, b'piż totali ta' mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g), b'purità medja ta' tlieta u tletin fil-mija (33%), u b'valur fis-suq stimat fl-ammont ta' sbatax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin ewro (€17,643).

Illi, l-għada, u cioè nhar is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr illi din

ma kinitx l-ewwel darba li importa d-droga Kokajina hawn Malta. In fatti, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr illi din il-biċċa xogħol kien ġa għamilha darbtejn oħra qabel.

Illi, waqt l-istess istqarrija, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr li l-ewwel darba li importa d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Huwa stqarr li, dik id-darba, l-ammont ta' droga Kokajina li kien importa kien simili għal dak li kien importa fil-jum ta' qabel, u cioè mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g).

Illi l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr ukoll li t-tieni darba li importa d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), fejn, għal darb'oħra, huwa rnexxielu jdaħħal hawn Malta d-droga Kokajina fl-ammont t'erba' mitt gramma (400g). Għalhekk, fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ammetta mal-Pulizija li b'kollox, huwa importa hawn Malta d-droga Kokajina fl-ammont totali ta' madwar disa' mija u wieħed u ħamsin punt erbgħa u tletin gramma (951.34g).

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta' Malta.

Il-konsegwenzi:

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels sar ħati talli importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga Kokajina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-akkuża:

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, takkuża lill-imsemmi Alphonsus Romeo Emanuels ħati, talli nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena

elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga Kokajina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-piena mitluba:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Alphonsus Romeo Emanuels u li huwa jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-akkużat hekk misjub ħati, hekk kif stabbilit fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 2, 4, u 9, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

***It-Tielet (3) Kap***

Pussess aggravat tad-droga Kokaina

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi hekk kif narrati fiż-żewġ (2) Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, nhar is-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels wasal hawn Malta permezz ta' titjira tal-linja tal-ajru 'Air Malta' diretta minn Brussell. Mal-wasla tiegħu hawn Malta, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ġie arrestat ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta u dana minħabba suspett illi kien qed iġorr id-droga.

Illi, sussegwentement, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ittieħed ġewwa l-iSptar 'Mater Dei' fejn hemmhekk ġie determinat li huwa kien qed iġorr tmintax (18)-il kapsula fl-intern tiegħu. Eventwalment, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ħareġ dawn il-kapsuli mill-warrani tiegħu, liema kapsuli kienu jikkontjenu sustanza ta' lewn abjad suspettata droga Kokajina.

Illi minn eżamijiet ulterjuri mwettqa minn espert tal-Qorti, irriżulta li l-imsemmija sustanza misjuba fit-tmintax (18)-il kapsula li nstabu fil-pussess tal-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ġiet identifikata bħala droga Kokajina, b'piż totali ta' mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g), b'purità medja ta' tlieta u tletin fil-mija (33%), u b'valur fis-suq stimat fl-ammont ta' sbatax-il elf, sitt mija u tlieta u erbgħin ewro (€17,643).

Illi, l-għada, u cioè nhar is-sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr illi din ma kinitx l-ewwel darba li huwa kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hawn Malta iżda kien hemm żewġ okkażjonijiet oħra qabel.

Illi, waqt l-istess istqarrija, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr illi l-ewwel darba li huwa kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar t'Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Huwa stqarr li, dik id-darba, l-ammont ta' droga Kokajina li kellu fil-pussess tiegħu kien simili għal dak misjub fil-pussess tiegħu fil-jum ta' qabel, u cioè mitejn u ħamsa u sebgħin punt sebgħa u sittin gramma (275.67g).

Illi l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels stqarr ukoll li t-tieni darba li huwa kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hawn Malta kienet fix-xahar ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema ammont ta' droga kien dak ta' erba' mitt gramma (400g). Għalhekk, fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels ammetta mal-Pulizija li b'kollox, huwa kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina fl-

ammont totali ta’ madwar disa’ mija u wieħed u ħamsin punt erbgħa u tletin gramma (951.34g).

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 Liġijiet ta’ Malta.

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Il-konsegwenzi:

Għalhekk, b’għemilu, l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta’ xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b’dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

L-akkuża:

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar ‘il fuq imsemmija, takkuża lill-imsemmi Alphonsus Romeo Emanuels ħati, talli nhar is-sitta (6) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fix-xhur ta’ qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina hekk kif skedata taħt Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta’ xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, b’dana illi ċ-ċirkostanzi li fihom l-akkużat Alphonsus Romeo Emanuels kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Il-piena mitluba:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Alphonsus Romeo Emanuels u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-akkużat hekk misjub ħati, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24, 24A, u 26, tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat Alphonsus Romeo Emanuelsu cioe' dik imsemmija fin-nota konguttiva taghhom prezentata fl-atti nhar l-10 ta' April, 2024 u cioe dik ta prigunerija effettiva ghal perijdou ta disgha (9) snin u multa ta' ghoxrin elf euro (€20,000).

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament '**Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa**[1]' kif ukoll '**Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo**'[2].

Rat dak li stqarr l-espert Gilbert Mercieca meta esebixxa ir-relazzjoni tieghu (Dok

[1] Deciza fit-28 ta' Jannar, 2010
[2] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004

GM fol. 133 tal-atti) quddiem il-Qorti Struttorja, rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala Kokaina u Levamisole, u li l- piz totali ta' 275.67 kg u li l-persentagg medju ta' Kokaina fil-materjal kien ta' 33%, b' valur estimat ta' €17,643.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]" **Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fil-10 ta' April 2024 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d)(7),(9) 22(A), 24A, 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2, 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati Alphonsus Romeo Emanuels ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' disgha (9) snin prigunerija effettiva, flimkien ma multa ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali konsistenti fis-segwent:-

1. Is-somma ta' €258.30 li gew imhalsa lil Dr Mario Scerri ghar rapport dok MS fol. 54 tal-atti .
2. Is-somma ta' €613.26 li gew imhalsa lil Dr Martin Bajjada ghar rapport dok MB fol. 71 tal-atti

---

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[5] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

3. Is-somma ta' €108.93 li gew imhalsa lil PC 1491 Kurt Attard ghar rapport dok MC fol. 176 tal-atti
4. Is-somma ta' €708 li gew imhalsa lil Gilbert rcieca ghar rapport dok GM fol. 133 tal-atti

Jekk l-ispejjez tal-perizji fl-ammont total ta' € 1,688.49 ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef